MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru 556/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**RONALD APAP**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Ronald Apap ta’ 35 sena bin Carmel u Annie Cassar imwieled Pieta fis-7ta’Marzu 1970 u li joqghod Block 14 Flat 13 Trejqet il-Ward, Sta Lucia. I.D. 150470M.

Billi gie akkuzat talli f’ Santa Lucia nhar is-27ta’ Frar 2005 ghal habta tas-7.00pm., ikkaguna feriti ta’ natura gravi ‘per durata’ l fuq il-persuna ta’ Nazzarena Caruana, skond

certifikat mahrug mit-tabib Dr. Michela Rossi M.D. fl-Isptar San Luqa. (sec. 216 (d) Kap. 9)

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Nazzarena Caruana, billi flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu innifsu that penali ta' soma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti. (sec. 383 Kap. 9)

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok FM3 u nnutat li l-imputat Ronald Apap m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet.
Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Nazzarena Caruana li fis-Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006 qalet: "B'referenza ghall-incident li sehh fis-27 ta' Frar 2005 nghid illi jien kont sejra d-dar tieghi gewwa Sta Lucia u nghid illi fil-fatt kont fejn il-flat. Jien kont ghadni fit-triq precizament hdejn il-blokk tal-flats fejn noqghod jien u rajt lill-imputat gej bil-vann u nghid illi dan waqaf kwazi mieghi u saq b'mod illi kien gej fuqi u jien hsibtu li kien ser itajjarni. Huwa waqaf u baqa' ihares cass lejja. Fil-vann kien wahdu. Dan kienu xis-sebgha, s-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija (7pm-6.45pm). Jien dak il-hin inhsadt u ghidtlu, mela m'intix tarani kont ser ittajjarni? L-imputat qabez u qalli , int ser taqbad mieghi? Jien irrispondejtu int ser taqbad mieghi ghax inti kont ser ittajjarni. L-imputat hareg mill-vann u nghid illi imbaghad l-imputat ghamel mossi oxxeni billi miss il-parti tieghu u ukoll qalli kliem oxxen. Jien lilu ghidtlu li lili kellimni sew ghax jien mhux qed inkellmek hazin. Rega' ghamel l-istess mossi oxxeni u lili qalli li hu ma jibzax, ghamel idejh ma wicci u jien ghidtlu biex ma jmissnix. Ghidtlu ukoll biex lili jhallini bi kwieti. Lili imbaghad l-imputat b'idejh ma wicci qalli biex ma nitfaghlux sigaretti fl-indana tieghu u jien irrispondejtu li jien ma nitfax sigaretti. L-imputat joqghod fl-istess blokk tieghi u ma nafx jrkk hux mizzewweg jew le. Jien lill-

imputat irrispondejtu biex lili jhallini kwieta u ma jaqbadx mieghi. Kif jien kont qed indur halli nitla' huwa hatafni minn xaghri, tefghani taht il-karozzi, jien tefghani bejn karozzi pparkjati u huwa imbaghad rega' ghollieni minn xaghri u beda jtini bis-sieq. Lili ukoll tani b'idejh. Bis-sieq l-imputat laqatni f'genbi u f'saqajja u ma nafx jekk laqatnix f'wicci bis-sieq. B'idejh nghid illi l-imputat laqatni f'wicci. Huwa laqatni f'ghajnejja u f'imniehri zgur. F'ta halqi ma nafx jekk hux b'idejh jew b'saqajh imma li naf zgur huwa li caqlaqli x-xedaq u jien halqi ghadni nbaghti bih sal-lum. Nghid illi hu bil-gbid li ghamilli f'xaghri spiccajt b'zewg roqghat ta' qara f'xaghri. Jien domt xi xaghar u nofs ma nistax nippetna xaghri. Nghid illi jien sal-gimgha l-ohra stess mort ghal vizita ghand id-dentista Dr Vincent Gauci ghax hassejt sinna ohra ticcaqlaq. Minhabba dan l-incident jien spiccajt li kelli diga' naghmel erba' (4) sinniet foloz. Dawn kollha ghamilthom ghand l-istess dentista f'zewg sezzjonijiet. Nghid illi meta l-imputat kien attakkani fl-okkazjoni li semmejt jien kont qeghda wahdi. Nghid illi jien dakinhar f'idi kelli kelb bhal tal-*poodle*." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 72 Bernard Galea li fid-Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006 qal: "Nghid illi fis-27 ta' Frar tas-sena 2005 u dan ghal habta tas-sitta ta' filghaxija (6pm), giet l-Ghassa ta' Hal-Luqa, Nazzarena Caruana tirraporta li aktar kmieni dik il-lejla gewwa Trejqet il-Ward, Santa Lucia hija kienet sfat aggredita minn Ronald Apap. Skond Nazzarena Caruana, l-argument zvolga bejn tnejn (2) u wara li Nazzarena Caruana kienet fil-kumpanija tal-kelb taghha quddiem ir-residenza taghha, waqaf hesrem bil-vettura tieghu Ronald Apap, b'vann *registration number* EBB 725. Skond l-istess Nazzarena Caruana din kienet staqsiet lil Ronald Apap ghaliex kien waqaf hesrem b'dak il-vann u imbaghad zvolga l-argument bejniethom. In kwantu ghal versjoni li taghni Ronald Apap meta kellimtu kienet illi huwa qalli li Nazzarena Caruana kienet waqfet hdejh u kienet staqsietu ghalfejn kien waqaf hesrem hdejha u hu imbaghad zied jghid illi t-tnejn gew fl-idejn." (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ Dr. Michela Frendo MD li fis-Seduta tas-16 ta’ Jannar, 2006, inter alia, qalet: “...................................” “B’referenza ghal domanda li qed issirli jekk fuq wiccha dan kienx jikkonstata li kien hemm diversi daqqiet nghid illi mill-ezami tal-wicc kien jirrizulta li feriti fuq il-wicc kienu fi bnadi diversi.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tax-xhud Dentist Dr. Vincent Gauci li fis-Seduta tad-9 ta’ Lulju, 2007, inter alia, qal: “Nghid illi jiena kont ezaminajt lil Nazzarena Caruana fil-11 ta’ Marzu tas-sena 2005. U jiena l-ewwel darba li rajtha innutajt li din kellha sinna nieqsa minn naha ta’ snien ta’ fuq quddiem nieqsa. U din kienet nieqsa. U kellha tliet sinniet ohra fuq li kien qed jiccaqalqu.” “................................................” “Effettivament allura bhala snien il-pazjenta kienet tilfet erba’ sinniet. Nixtieq nghid illi jiena kont infurmat li l-ewwel il-pazjenta kienet marret l-isptar San Luqa u jiena fil-fatt kont gejt mghoddi bil-miktub informazzjoni minn Dr. Alex Cassar illi skond din l-informazzjoni is-sinna li kien hemm nieqsa kienet spiccat hekk b’daqqa. Nixtieq nghid illi s-sinna li rajt nieqsa u s-snien l-ohra l-imcaqalqin huma kompatibbli ma’ daqqa. Nghid li kieku kien mard l-ammont ta’ hsara fis-snien tkun aktar estenstiva. Nghid illi il-hsara fi snien kienet koncentrata fl-erba’ sinniet ta’ fuq ta’ quddiem. Inzid nghid illi l-pazjenta Nazzarena Caruana qed naghrafha hawnhekk fl-Awla bhala l-parte civile. (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ Dr. Alexander Cassar MD li fis-Seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2007, inter alia, qal: “Nghid illi jiena kont invistajt lil Nazzarena Caruana id number 210965M u dana fid-data, u dana fit-28 ta’ Frar tal-2005. u imbaghad kont invistajt l-istess pazjenta wkoll f’ okkazzjoni ohra u cioe’ fil-11 ta’ Marzu tas-sena 2005. Nghid illi din il-persuna kellha diversi injuries dentali.” “.............................................” “Nghid illi mill-kostatazzjonijiet li ghamilt jiena irrizultali li l-pazjenta Nazzarena Caruana kellha problema pre ezistenti fi

sniena nghid pero' bit-trawma li soffriet dina precipitat is-sitwazzjoni dwar is-snien taghha. Hawnhekk nixtieq nispjega illi s-sitwazzjoni pre ezistenti kienet illi l-pazjenta kellha problemi tal-hanek pero' dana bis-sitwazzjoni qabel it-trawma dawn is-snien setghu iservu ghal xi snin ohra. Pero' nghid illi imbaghad ovjament bit-trawma li soffriet il-pazjenta it-trawma precipitat ruhha. Ghaliex is-snien imbaghad jispiccaw tant ikunu jiccaqalqu li jkunu jridu jinqalghu." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tal-imputat Ronald Apap li fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010, inter alia, minn jeddu qal: "............................................" "Nghid jiena u l-parte civile Nazzarena gieli kellna ncidenti fil-fatt nghid illi jiena diversi drabi ghamilt rapporti l-ghassa tal-Pulizija fil-konfront ta' dina Nazzarena parte civile. Fid-data in kwistjoni mertu ta' din il-kawza jiena dakinhar kont qieghed ghand ommi. Jiena mort biex nidhol fil-parking fejn hemm il-flat tieghi biex nidhol fil-flat tieghi." "................................................" "Jiena kont qed insuq van. Ezatt kif jiena dort ghal gol-parking sibt lil Nazzarena l-parte Civile hemmhekk. Kienet qeghda f' nofs it-triq tal-parking. Peress li dina kienet qeghda fin-nofs u kellha l-kelb f' idejha jien allura ma stajtx inkompli nsuq biex nidhol halli nipparkja u jiena ma xtaqtx indoqq il-horn biex ma naqlax problemi maghha. ghalhekk irriversjajt u jiena rriversjajt u pparkjajt faccata. Jiena mbaghad x' hin hrigt minn gol-van tieghi giet f' daqqa wahda fuqi l-parte Civile Nazzarena u qaltli *ma rajtniex* ? Jiena rrispondejtha kieku ma rajtiex kont intajjarha.

Hi f' daqqa wahda mbaghad subghajha l-werrej ta' jdejha l-leminija din dahlitu go ghajnejja u qaltli ara x' ha nghidlek. Jien imbaghad mbuttajtha biex hija ma tkompliex ixejjer xi daqqa ohra. Nghid dina Nazzarena kienet ser taqa' pero' mbaghad qamet ghaliha fferocjata. Sa dak il-hin jiena lhaqt ftaht il-bieba tal-van biex jiena nitlaq minn hemmhekk. Nghid illi dina Nazzarena l-parte civile kienet iktar hafifa minni biex tipprova tohodli c-cwievet minn gol-van dahlet idejha pero' kienet qabdet is-switch tal-indicator u spiccat biex dina qactet u qalghet is-

switch tal-indicator u tatuli f’ idi. Jien allura mbaghad ergajt imbuttajta.

Fl-istess hin x’ hin imbuttajtha l-kelb li kellha maghha ressaqha lura ghax hija kienet ghadha zzomm bic-cinga l-kelb,. Fl-istess hin il-kelb mexa u dana l-kelb kif mexa allura garrha mieghu lil Nazzarena l-Parte Civile din spiccat biex habtet wiccha’ ma’ karozza. Jiena nghid illi jiena kont ergajt imbuttajtha ghaliex dina l-ewwel kienet dahlet subghajha f’ghajnejja, qactitli s-switch u allura jiena meta rajt dawn ic-cirkostanzi biex nevita jiena mbuttajtha u dan ghaliex hija kienet regghet gejja ghalija. Jiena mbaghad dhalt gol-van, illokjajt il-bieb biex hi ma tipprovax tidhol fil-van u soqt ghal Ghassa.” “..............................” “Nghid illi jiena nnutajt x’ kien gara minnha Nazzarena. Innutajt li dina spiccat waqghet fuq il-karozza u jiena dak il-hin ma nnutajtx li din kellha xi demm.” “........................................” “Qed nigi muri d-dokument dok PCF 1 u nikkonferma dan huwa c-certifikat mediku rilaxxat lili u li jiena mbaghad ghaddejtu lil Pulizija. Nghid illi ghadha kif inqratli l-istqarrija tieghi li hija esebita fl-atti ta’ din il-kawza bhala dok MFP 1 u jiena nikkonferma din l-istqarrija tieghi fl-intier taghha.

Nixtieq nghid illi in kwantu ghal verzjoni li jiena tajt fl-istqarrija fejn allura rreferejt ghal meta l-Parte Civile Nazzarena spiccat fuq il-karozza nghid illi in kwantu ghal verzjoni tal-istqarrija nghid illi jiena nikkonferma dik l-istqarrija. in kwantu ghal dak li ghidt illum illi cioe’ allura illi skond dak li xehedt jiena llum dina Nazzarena kienet spiccat waqghet fuq il-karozza wara li haditli u qactitli l-lever tal-indicator u kienet tatuli f’idejja jiena nghid illi jiena effettivament dak li gara kien illi l-ewwel kienet Nazzarena waqghet fuq il-karozza u mbaghad wara kienet giet haditli l-lever tal-istarter. Qed nghid dana ghaliex ghadda certu zmien u ghalhekk illum nghid li jiena nikkonferma l-verzjoni li tajt fl-istqarrija tieghi.

Nghid illi ghalkemm jiena l-kelb ma semmejtux fl-istqarrija, il-kelb kien li gibed lil Parte Civile Nazzarena li b; hekk spiccat imbaghad fuq il-vettura. Nikkonferma li f’ din l-okkazjoni l-Parte Civile Nazzarena kienet akkumpanjata

b'kelb." "................................................." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami fl-istess Seduta, l-imputat Ronald Apap, inter alia, qal: "Nghid illi dina Nazzarena l-parte civile l-hin kollu kienet qeghda zzomm il-kelb tramite cinga liema cinga kienet qed izzomm f idejha. Nghid il-kelb beda jibza' u ried jitlaq u kien hu li gibed lil parte civile Nazzarena fuq il-karozza. In kwantu ghad-daqs ta' dan il-kelb dana kien naqra iktar minn kelb mezzan. Nghid illi jiena lil parte civile Nazzarena ma sawwattiex. Fuq domanda diretta li qeghda ssirli jekk jiena fil-fatt kontx tajtha daqqa ta' ponn go wiccha nghid li le. Nghid illi l-parte civile Nazzarena qatt wara li waqghet ghal fuq il-karozza ma spiccat mal-art catta. Nixtieq nghid fl-istess cirkostanza l-parte civile Nazzarena habtet wiccha mal-karozza darbtejn. Nghid dana bl-istess moviment fis-sens illi bl-istess gibda li gibidha l-kelb. Dina l-vettura din kienet vettura Mercedes u kienet qeghda pparkjatha ma' genb il-van tieghi." "................................................" "nghid jiena meta kont imbuttajt lil Parte Civile Nazzarena dina kont imbuttajtha b' id wahda u dina bejn spallitha u sidirha." "................................................"

"Nghid meta jiena kont imbuttajt lil Parte Civile Nazzarena l-kelb kien hass ic-cinga loose u dan peress li l-kelb ried jitlaq dana dak il-hin gibed u gibed mieghu lil Nazzarena l-Parte Civile li din imbaghad spiccat fuq il-vettura Mercedes. U nghid illi dak il-hin ahna konna qeghdin vicin lejn il-parti ta' wara tal-Mercedes u fil-fatt Nazzarena l-Parte Civile spiccat laqtet wiccha mal-mudguard u l-bumper ta' wara ta' din il-Mercedes." "......................................" "Nghid illi l-kelb meta hass ic-cinga loose huwa kien taha s-salt." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra ticcita is-segwenti brani mill-Istqarrija tal-imputat Ronald Apap datata 28 ta' Frar 2005 (Dok MFP 1):
"......................................"
"Mistoqsi nghid ukollli l-bierah fil-ghaxija ghal habta tas-7.30pm jiena kelli argument ma wahda gara tieghi u cioe Rini." "................................" "Nispjega u nghid illi gejt minn

triq u dort ghal got-triq fejn noqghod jiena. Jiena kelli l-htiega nirriversja sabiex nipparkja. Kif dort sibt lil Rini quddiemi qed taqsam it-triq. Ghalhekk waqaft ghax ma stajtx nirriversja. Rini qasmet san-naha l-ohra tat-triq u cioe lejn il-bankina fejn hemm l-appartamenti li noqghod jiena. Din lanqas waset sal bankina u f' daqqa wahda regghet lura u waqfet f' nofs tat-triq. Tbaxxiet u donna bidet tigbor xi haga minn mal-art. Wara ftit qamet u baqet fin-nofs. Jiena irriversjajt kif stajt u ipparkjajt. Jiena ma kellimtiex. Din izda kif iunzilt mill-vann giet lejja u qaltli 'Mela mhux tara?' Jiena irrispondejtha 'Kieku mhux nara tajjartek.' Dak il-hin hija ippuntat subajha ma wicci u fil-fatt laqtieni ftit fuq wicci.

Dak il-hin jiena imbuttajtha u ghidtilha sabiex nitlaq u thallini bi kwiet. Wara li  imbuttajtha hija regghet giet lejja bir-rabja u refghet idha fuqi. Jiena ergajt imbuttajtha . Dak il-hin waqet habtet wicca ma karozza ipparkjata u waqet mal-art. Dak il-hin ergajt ghidtilha sabiex thallini bi kwieti . Jiena dak il-hin pruvajt nidhol gol vann sabiex nevitha u bil-hsieb li mmur l-ghassa. Din izda kienet pronta dahlet idha nahseb sabiex tehodli ic-cwievet u minflok dak il-hin gibdet l-lever switch tal-indicator. Din kacctietu u taghtuli f'idi. Dak il-hin ergajt imbuttajtha dhalt nigri fil-vann u mort l-Ghassa ta' Rahal Gdid u wara l-Ghassa ta' Hal Luqa.

Mistoqsi nghid li jiena ma rajtx demm fuq wicca. Jiena ma erfajtx idejja fuqha hlief imbuttajtha kif spjegajt biex nevita u niddefendi ruhi mill-aggressjoni taghha." "............................................" "Mistoasi nghid li jiena ma nafx kif gew l-griehi li qed jghidli l-Ispettur li din ghandha fuq wicca izda nahseb li dawn gew meta jiena imbuttajtha u habtet wicca mal-karozza Mercedes bajda li kienet ipparkjata fejn kellna l-argument." "......................................" (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tosserva li mentri fl-Istqarrija tal-imputat il-kelb li kellha maghha Nazzarena Caruana imkien ma jissemma meta imbaghad l-imputat xehed quddiem din il-Qorti il-kelb sar protagonista.

Inoltre fl-Istqarrija l-imputat, inter alia, qal: “Dak il-hin hija ippuntat subajha ma wicci u fil-fatt laqtieni ftit fuq wicci.” Mentri fid-deposizzjoni tieghu l-imputat, inter alia qal: “Hi f’daqqa wahda mbaghad subghajha l-werrej ta’ jdejha l-leminija din dahlitu go ghajnejja u qaltli ara x’ha nghidlek.”

Il-Qorti tirrileva ukoll li kellha l-opportunita’ li tisma xhieda hi u ghaldaqstant setghet tosserva u tezamina l-komportament tax-xhieda meta xehdu quddiemha u hi tal-fehma li tenut kont l-assieme tal-provi inkluzi dawk medici il-versjoni moghtija mix-xhud Nazzarena  Caruana hi wahda kredibbli. Minn naha l-ohra il-versjoni moghtija mill-imputat Ronald Apap hi wahda kontradittorja, konfuza u inverosimili.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti u senjatament fid-dawl tas-suespost l-akkuza migjuba kontra l-imputat Ronald Apap tirrizulta sodisfacentement ippruvata.
Rat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issib lill-imputat Ronald Apap hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat u senjatament in-natura tal-offizi li l-imputat Ronald Apap gie precedent misjub hati u dan ghal fini ta’ kalibrar tal-piena u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Ronald Apap ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghal piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Ronald Apap jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Ronald Apap b’obbligazzjoni personali ta’ elfejn Euro (Euro 2,000) li jzomm il-kwiet ma’ Nazzarena Caruana ghal zmien sena millum.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ronald Apap l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------